MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru 855/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Jason John Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jason John Azzopardi ta' 38 sena, bin Joseph u Mary Grace nee' Camilleri, imwieled Pieta' fl-4 ta' Frar 1976, residenti gewwa l-fond Blokk B Flat 1 Triq Maria Adolorata, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 116776M.

Akkuzat talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni

wahda, u cioe' talli fix-xahar ta' Lulju u tliet xhur qabel f' diversi hinijiet mill-fond 'Tarxien rainbows Bar' li jinsab fi Triq San Frangisk Hal-Tarxien u/jew f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' madwar 1500 ewro u/jew oggetti ohra liema serq hu aggravat bil-hin, bil-persuna, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disa u ghoxrin ewro 2329.37 ewro u sebgha u tletin centezmu ghad-detriment ta' Alfred Falzon minn Qormi u/jew persuni ohra.

Ukoll talli kkommetta reat f' perjodu operattiv ta' sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr C Peralta LL.D.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Settembru, 2014 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Jannar, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li kien hemm arrangament bejn il-partijiet fejn l-imputat obbliga ruhu li jeffetwa pagamenti ta' €100 fix-xahar lil Parte Civile.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 261(c), (d), (f), 267, 268, 270 u 28A sa H tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. B' applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-estensjoni tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfronti tal-imputat fit-28 ta' Frar 2013 ghall-perjodu ta' erba' (4) snin b' effett millum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------